

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja) fil-25 ta' Ġunju 2015 –
TrustBuddy AB vs Lauri Pihlajaniemi**

(Kawża C-311/15)

(2015/C 294/48)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TrustBuddy AB

Konvenut: Lauri Pihlajaniemi

Domanda preliminari

L-Artikolu 3(b) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li tista' tiġi kkunsidrata bħala kreditur anki kumpannija, li tippromwovi fuq l-internet il-bejgħ lil konsumaturi tal-hekk imsejħa krediti bejn l-individwi u li teżerċita, fil-konfront tal-konsumatur, id-dritt, li normalment jingħata lil kreditur, li jiddetermina l-kundizzjonijiet, l-għoti u l-irkupru tal-kreditu, minkejja li l-fondi jkunu ġejjin minn individwi, li jibqgħu anonimi, u jibqgħu separati mill-assi tal-kumpannija.

⁽¹⁾ Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, p. 66).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de commerce de Paris (Franza) fil-25 ta' Ġunju
2015 – Eco-Emballages SA vs Sphère France SAS, Schweitzer SAS, Carrefour Import SAS, Tissue
France SCA, SCA Hygiène Products SAS, WEPA Troyes SAS, Industrie Cartarie Tronchetti SpA,
Industrie Cartarie Tronchetti Ibérica, SL, Kimberly-Clark SAS, Gopack SAS, Delipapier, CMC France
SARL, Paul Hartmann SA, Wepa Lille SAS, Industrie Cartarie Tronchetti France SAS, Melitta France
SAS, Cofresco Frischhalteprodukte GmbH & Co. KG, Scamark SAS, Système U Centrale Nationale
SAS**

(Kawża C-313/15)

(2015/C 294/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal de commerce de Paris

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Eco-Emballages SA

Konvenuti: Sphère France SAS, Schweitzer SAS, Carrefour Import SAS, Tissue France SCA, SCA Hygiène Products SAS, WEPA Troyes SAS, Industrie Cartarie Tronchetti SpA, Industrie Cartarie Tronchetti Ibérica, SL, Kimberly-Clark SAS, Gopack SAS, Delipapier, CMC France SARL, Paul Hartmann SA, Wepa Lille SAS, Industrie Cartarie Tronchetti France SAS, Melitta France SAS, Cofresco Frischhalteprodukte GmbH & Co. KG, Scamark SAS, Système U Centrale Nationale SAS

Domanda preliminari

Il-kunċett ta' imballaġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE, emendata bid-Direttiva 2004/12/KE⁽¹⁾, jinkludi l-"mandrini" (rollijiet, tubi, ċilindri) li jitkebbu magħhom prodotti flessibbli, bħall-karta u folji tal-plastik, mibjugħin lill-konsumatur?

⁽¹⁾ Direttiva 2004/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li temenda d-Direttiva 94/62/KE fuq l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 3).

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża**(Kawża C-314/15)**

(2015/C 294/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u E. Manhaeve, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża

Talbiet

- tikkonstata li, billi ma żgurax it-trattament sekondarju jew ekwivalenti tal-ilma urban mormi tal-15-il agglomerazzjoni b'ekwivalenza ta' popolazzjoni inkluża bejn 1-10 000 u 1-15 000 għal kull rimi barra minn żoni sensitivi, jew b'ekwivalenza ta' popolazzjoni inkluża bejn 1-2 000 u 1-10 000 għar-rimi kollu, fl-ilma ħelu u l-estwarji, ir-Repubblika Franċiża naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi⁽¹⁾.
- tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Bir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li Franza ma implementatx korrettament, fi ħmistax-il agglomerazzjoni, id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi.

Skont tal-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva 91/271/KEE, l-agglomerazzjonijiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni (EP) inkluża bejn 1-10 000 u 1-15 000 għal kull rimi barra minn żoni sensitivi, jew b'ekwivalenza ta' popolazzjoni inkluża bejn 1-2 000 u 1-10 000 għar-rimi kollu, fl-ilma ħelu u l-estwarji, kellhom jkunu pprovduti b'sistemi ta' ġbir għall-ilma mormi urban u jissuġġettaw dan l-ilma għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, mhux iktar tar mill-31 ta' Diċembru 2005.

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Lussemburgu) fid-29 ta' Ġunju 2015 – ArcelorMittal Rodange et Schifflange SA vs État du Grand-duché de Luxembourg**(Kawża C-321/15)**

(2015/C 294/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Qorti tar-rinviju**

Cour constitutionnelle